

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

26.3.2009

B6-0172/2009

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skont l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura

minn José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Laima Liucija Andrikienė, John Bowis, Tunne Kelam u Eija-Riitta Korhola

f'isem il-Grupp PPE-DE

dwar it-trattat internazzjonali għall-protezzjoni tal-Artiku

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-trattat internazzjonali għall-protezzjoni tal-Artiku

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra s-Sena Internazzjonali Polari (IPY), inizjattiva konġunta tal-Organizzazzjoni Meteoroloġika dinjija u l-Kunsill Internazzjonali għax-Xjenza bil-għan li tipprovdi osservazzjoni u komprensjoni aħjar tar-reġjuni polari tad-Dinja,
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Unjoni Ewropea u r-reġjun tal-Artiku (COM(2008)0763),
 - wara li kkunsidra l-Konferenza "Arctic Transform" li saret fi Brussell fil-5 ta' Marzu 2009,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2008 dwar il-governanza tal-Artiku,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi r-reġjun tal-Artiku bħalissa mhux imħares b'normi u regolamenti multilaterali, b'mod partikolari minħabba li qatt ma kien mistenni li jsir kanal navigabbli, aħseb u ara żona miftuħa għall-isfruttament kummerċjali,
- B. billi li t-traffiku marittimu fl-ibħra tal-Artiku żdied bid-dieher f'dawn l-aħħar snin billi żdied l-interess fit-tħaffir f'baħar miftuħ u minħabba li kulma jmur qegħdin jgħaddu l-vapuri tal-passiġġieri aktar sikwit, kif ukoll minħabba l-prospetti li joffri l-Passaġġ tal-Majjistral,
- C. billi r-reġjun tal-Artiku jista' jkun fih madwar 20% tar-riżervi dinjija ta' żejt u gass li għadhom ma ġewx skoperti, b'dak kollu li jimplika dan għall-ambjent uniku tal-Artiku jekk dawn ir-riżervi jiġu sfruttati b'mod kummerċjali,
- D. billi l-bidliet fil-kundizzjonijiet klimatiċi tal-Artiku huma tali li l-poplu Inuit, pereżempju, ma jistax jibqa' jmur għall-kaċċa bil-mod tradizzjonali, billi s-silġ huwa rqiq wisq biex jiflaħ is-slitti tagħhom, filwaqt li annimali selvaġġi bħall-orsijiet bojod, walrusijiet u volpijiet jinsabu fil-periklu li jaraw il-ħabitats tagħhom jgħosfru,
- E. billi l-eżistenza ta' ġurisdizzjonijiet differenti fir-reġjun Artiku ggħib magħha l-periklu li jfaqqgħu kunflitti kbar bejn pajjiżi li jkunu jridu jħarsu (fosthom b'mezzi militari) dawk li jqisu li jkunu l-interessi nazzjonali tagħhom,
- F. billi n-newtralizzazzjoni ġeopolitika tar-reġjun tippermetti żieda fil-koperazzjoni bejn in-nazzjonijiet ċirkumpolari,
- G. billi l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi assoċjati fl-EEA jgħibu flimkien aktar minn nofs is-

sħubija tal-Kunsill tal-Artiku,

1. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jibdew negozjati internazzjonali għall-adozzjoni ta' trattat internazzjonali għall-ħarsien tal-Artiku, fuq il-mudell tat-Trattat tal-Antartiku eżistenti, sabiex ir-reġjun tal-Artiku jsir żona ta' paċi u koperazzjoni riżervata biss għall-attivitàjiet ta' paċi u ħielsa minn tilwim dwar is-sovranità;
2. Jenfasizza li għandhom isiru sforzi biex tiġi evitata żieda fil-preżenza militari fl-Artiku u sabiex tiġi żviluppata l-koperazzjoni dwar is-sigurtà fiż-żona sabiex l-Artiku jinżamm bħala reġjun ta' tensjoni baxxa u sabiex il-ħarsien tiegħu bħala reġjun li fil-ġejjieni se jkun fornitur tal-enerġija jiġi żviluppat bis-sħiħ f'qafas ambjentali sostenibbli;
3. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tiżgura li r-regoli internazzjonali dwar is-sikurezza tat-traffiku marittimu jsiru aktar stretti partikolarment fil-partijiet sensitivi tar-reġjun, billi jsiru emendi xierqa għar-regolamenti tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) u billi taħdem biex ikun stabbilit 'Kodiċi Polari għan-Navigazzjoni fl-Artiku'
4. Jistieden lill-Kummissjoni biex tibda negozjati mal-awtoritajiet Russi għall-garanzija tal-libertà tan-navigazzjoni u d-dritt ta' passaġġ u biex tiggarantixxi li ma jkunx hemm Prattiki diskriminatorji, speċjalment rigward ħlas, servizzi obbligatorji u regoli u regolamenti, sabiex tiġi garantita l-vijabilità ta' rotot ġodda ta' tbaħħir;
5. Jitlob lill-Kunsill biex jinkludi l-Artiku fl-aġenda tas-Samit li se jsir dalwaqt bejn l-UE u r-Russja;
6. Huwa mħasseb sew dwar l-effetti tal-bidla fil-klima fuq is-sostenibilità tal-ħajjiet tal-popli indiġeni fir-reġjun, kemm rigward l-ambjent ġenerali (it-tidwib tal-għata polari tas-silġ u l-permafrost, il-livelli tal-baħar li qegħdin jogħlew u l-għargħar) u kemm rigward il-habitat naturali (l-għata polari li dejjem qiegħed jirtira joħloq problemi għad-drawwiet alimentari tal-orsijiet bojod), u jenfasizza li kull deċiżjoni internazzjonali marbuta ma' dawn il-kwistjonijiet għandha tinvolvi u tqis bis-sħiħ lill-popli u n-nazzjonijiet kollha tal-Artiku;
7. Huwa tal-opinjoni li r-riċerka xjentifika multidixxiplinari dwar aspetti atmosferiċi differenti (il-ħofra tal-ożonu jew it-tnaqqis tiegħu, il-maltempati tal-Atlantiku tat-Tramuntna u l-kundizzjonijiet tar-riħ, eċċ.) għandha tissaħħaħ bil-għan li jiġu indirizzati aħjar u miġġielda globalment it-theddid għall-bijodiversità tal-Artiku u l-mod kif jgħixu l-popli indiġeni;
8. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-bidliet fil-firxiet tas-silġ tal-Artiku se jkollhom impatt fuq il-livelli globali tal-baħar, li se jolqot il-bliet ta' mal-kosta u żoni baxxi, filwaqt li d-degradazzjoni termali tal-permafrost se tillibera riżervi vasti ta' karbonju ffriżat, li parti minnhom, bħala metanu, se tkabbar l-effett globali tal-gassijiet b'effett ta' serra; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jiggarantixxu li r-reġjun tal-Artiku, minħabba l-impatt tiegħu fuq il-klima dinjija u l-ambjent naturali uniku tiegħu, jingħata kunsiderazzjoni speċjali meta l-UE tiffurmola l-pożizzjoni tagħha għall-Konferenza tan-NU COP 15 dwar il-Bidla fil-Klima, li għandha ssir f'Kopenhagen f'Diċembru 2009;
9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-

Kummissjoni, lill-Gvernijiet tal-Istati Membri, tan-Norveġja, tal-Iżlanda, tar-Russja, tal-Kanada u tal-Istati Uniti, kif ukoll lill-parteciċipanti tal-koperazzjoni reġjonali.